MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' April, 2003

Talba Numru. 2691/2002

**Allwoods & Steel Limited**

**vs**

**Mario Cini**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Novembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' seba' mija u erbgha liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm704.75) rappresentanti bilanc dovut ta' fornituri ta' injam u materjal iehor mibjugh u debitament konsenjat lill-konvenut skond 'statement' datat 28 ta' Settembru 2002.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u prezenta risposta wara t-terminu ta' tmintax il-gurnata prefiss mill-ligi.

Ra d-digriet tal-4 ta' April 2003 fejn giet milqugha t-talba tas-socjeta' attrici u gie ordnat l-isfilz tar-risposta prezentata mill-konvenut.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fejn hija rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' hames mija u erbgha u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm554.75).

Sema' x-xhieda ta' Dr. Pawlu Lia in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u erbgha u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm554.75),.bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

-------------------------------TMIEM-------------------------------